MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-21 ta' Dicembru, 2006

Numru 580/2003

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Agius)

vs

Clementina Zarb

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-imputata Clementina Zarb ta’ karta ta’ identita’ numru 6460(M), akkuzata talli:

- nhar it-30 ta’ Gunju 2003 ghal habta tal-5.00pm fl-ghassa tal-Pulizija taz-Zurrieq bil-hsieb li taghmel hsara lil Osanna Rajab B.Shlabi ta’ nazzjonalita’ Libjana akkuzat lil din il-persuna quddiem awtorita’ kompetenti b’reat (stupru vjolenti) filwaqt li kienet taf li dik il-persuna kienet innocenti, meta l-piena tar-reat bhal dan hija aktar mill-

piena ta' prigunerija ghall-zmien sentejn bi ksur ta' l-Artikolu 101 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

L-imputata hi akkuzata bir-reat tal-kalunja prospettata fl-Artikolu 101 tal-Kap 9 li jipprovdi li:
" Kull min bil-hsieb li jaghmel hsara lil xi persuna, jakkuza lil dik il-persuna quddiem awtorita' kompetenti b'reat, fil-waqt li jkun jaf li dik il-persuna hija innocenti, ghall-fatt biss li jkun akkuzaha, jehel, meta jinsab hati –
(a) il-piena ta' prigunerija minn tlettax sa tmintax-il xahar, jekk l-akkuza falza tkun ta' delitt suggett ghall-piena akbar mill-piena ta' prigunerija ghal zmien sentejn"
(b) ….omissis….

Huwa rikjest biex tkun tista' treggi l-akkuza illi d-denunzja falza tkun saret kemm volontarjament kif wkoll spontanjament, u li in kwantu ghall-intenzjoni din hija insita fix-xjenza tal-falsita'. Inghad in propositu ghal din l-ahhar affermazzjoni li "minn jaghmel rapport falz ta' reat kontra xi hadd meta jaf li r-rapport huwa falz u m'ghandux raguni jahseb li ma huwiex falz ghax ikun jaf li dik il-persuna minnu akkuzata hija innocenti ma jistax ikollu hsieb iehor hlief dak li jaghmlilha hsara – "dolus in re ipsa inset" – li jfisser li ma jistax jinghad li ma jirrikorrix l-element morali mehtieg ghar-reat jekk l-imputata kienet taf li l-addebitu minnha maghmul ma kienx veru.

Illi indubbjament l-akkuza proferita mill-imputata fil-kaz in dizamina kienet wahda serja trattandosi ta’ stupru li hi allegat soffriet. Fl-okkorrenza r-rapport registrat bil-miktub mill-pulizija li rcevitu jsemmi specifikament il-kliem “irejpja fir-residenza taghha” li kien proprju l-kliem uzati mill-imputata hi u taghmel id-denunzja meta cemplet l-ghassa. Kif jaqra l-artikolu illum m’hemmx il-htiega li biex issir il-procedura kontra xi hadd ghall-falza denunzja ir-rapport irid jkun sar bil-miktub u lanqas li l-pulizija li jircevih ghandu jirriproducieh bil-miktub. F’dan il-kaz r-rapport gie riprodott fl-okkorrenza relattiva mad-denunzja li saret.

Illi pero’ jehtieg apparti kollox li l-fatt denunzjat jirrisulta falz u dan jrid jigi ppruvat bla ebda dubbju dettat mir-raguni mill-prosekuzzjoni. Fil-kawza in disamina hemm fatti li jikkonducu ghal varji ipotesijiet kemm favur dak sostnut mill-imputata li ma riditx ikollha relazzjoni sesswali dak inhar u kemm ghall-fatt oppost sostnut mill-prosekuzzjoni illi l-att sesswali f’din l-okkazjoni kien wiehed li ghalih l-imputata issottomettiet volontarjament. Li hu cert hu li sar l-att sesswali. L-imputata pero’ sostniet li hi ma riditux u hu impona ruhhu fuqha, cirkostanza li mill-provi tirrisulta verosimili mill-fatt li l-allegat stupratur ottjena l-access ghar-residenza minn proprjeta’ ta’ terzi u aktar mill-kumpless tax-xhieda tieghu li ta’ quddiem din il-Qorti fejn f’waqt minnhom jghid li kien imgieghel jaghmel l’attijiet sesswali u fl-istess hin meta mitsoqsi in kontro-ezami jekk xi hadd minnhom kien sforza lil iehor ghazel li ma jirrispondix billi seta’ bir-risposta jinkrima ruhhu. Fil-fehma tal-Qorti jippersisti d-dubbju u dan hu bizzejjed biex l-imputata ma tinstabx hatja tar-reat lilha addebitat.

Kwindi taqta’ u tiddecidi billi ma sibx l-imputata hatja tal-akkuzi kontriha dedotti u tilliberha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------